(2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Repubblika tal-Latvja.*

(3) *Ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika Slovakka u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

([1]) ĠU C 269, 10.11.2007

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2011 — Ford Motor vs UASI — Alkar Automotive (CA)

**(Kawża T-486/07)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CA — Trade marks Komunitarji verbali u figurattiva preċedenti KA — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' riskju ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2011/C 139/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ford Motor Company (Dearborn, Michigan, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Ingerl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Alkar Automotive, SA (Derio, Spanja) (rappreżentant: S. Alonso Maruri, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Ottubru 2007 (Każ R 85/2006-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ford Motor Company u Alkar Automotive, SA.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ford Motor Company hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 51, 23.02.2008.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2011 — Access Info Europe vs Il-Kunsill

**(Kawża T-233/09)** ([1])

***("Aċċess għad-dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokument li jirrigwarda proċedura leġiżlattiva pendenti — Rifjut parzjali ta' aċċess — Rikors għal annullament — Terminu tar-rikors — Ammissibbiltà — Żvelar minn parti terza — Nuqqas ta' telf tal-interess ġuridiku — Identifikazzjoni tad-delegati tal-Istati Membri awturi tal-proposti — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet")***

(2011/C 139/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Access Info Europe (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: O. W. Brouwer u J. Blockx, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Fekete u M. Bauer, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: E.-M. Mamouna u K. Boskovits, aġenti); u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: E. Jenkinson u S. Ossowski, aġenti, assistiti minn L. J. Stratford, barrister)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 li tirrifjuta l-aċċess għal ċerta informazzjoni li hemm fin-nota tas-26 ta' Novembru 2008, dwar proposta għal regolament dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

### Dispożittiv

(1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Frar 2009 li tirrifjuta l-aċċess għal ċerta informazzjoni li hemm fin-nota tas-26 ta' Novembru 2008, dwar proposta għal regolament dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, hija annullata.*

2) *Il-Kunsill għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Access Info Europe.*

(3) *Ir-Repubblika Ellenika u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

([1]) ĠU C 205, 29.8.2009.